Kunsill Lokali
l-Imsida

8 ta' Ottubru 2024

Ref:572; C-2024

L-Onor. Chris Bonett MP

Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

**Mozzjoni dwar il-bini ta' *flyover* fiċ-ċentru tal-Imsida bħala parti mill-proġett tal-Gvern għaċ-ċentru tal-Imsida magħruf ukoll bħala l-Imsida Creek.**

Peress li l-Gvern permezz tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta ħabbret proġett għaċ-ċentru tal-Imsida magħruf bħala l-Imsida Creek, liema proġett jinkludi l-bini ta' *flyover*;

Peress li l-Kunsill Lokali tal-Imsida diġà stqarr pubblikament li huwa jaqbel mal-ħolqien ta' aktar spazji pubbliċi fil-lokalità tal-Imsida iżda wħud mill-membri tal-Kunsill Lokali esprimew r-riżervi tagħhom dwar partijiet u/jew aspetti oħra tal-proġett kif propost mill-Gvern permezz tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta b'mod partikolari l-bini ta' *flyover*;

Peress li l-Kunsill Lokali tal-Imsida diġà organizza laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-imsemmi proġett iżda kienu biss ftit persuni li attendew u pparteċipaw f'din il-laqgħa;

Peress li waqt l-imsemmija laqgħa ta' konsultazzjoni, l-uffiċjali tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta qalu li l-*flyover* li huwa propost li jinbena fiċ-ċentru tal-Imsida mhux ser inaqqas it-traffiku fl-Imsida;

Peress li ż-żieda fit-traffiku se tkun qed twassal għal żieda fit-tniġġis fl-arja f'zona fiċ-ċentru tal-Imsida li hija diġà milquta b'mod negattiv minn livelli għolja ta' tniġġis u dan meta suppost qed isir sforz biex jitnaqqas il-livell ta' tniġġis biex ma ssirx ħsara lis-saħħa tal-pubbliku;

Peress li waqt l-istess laqgħa, l-istess uffiċjali tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta stqarrew li wara li jitlesta dan il-proġett huwa meħtieġ li jsir proġett ieħor biex itaffi dak li huma ddeskrivew bħala "*bottleneck*" li se jinħoloq qrib l-Iskate Park tal-Imsida u dan billi tinbena *flyover* oħra f'din iz-zona;

Peress li mill-kuntatti, *house visits*, laqgħat u konsultazzjonijiet li wettqu l-membri tal-Kunsill Lokali tal-Imsida, kemm qabel kif ukoll wara l-aħħar elezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imsida, jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li l-maġġoranza assoluta tar-residenti Misidjani huma kontra li jinbena *flyover* fiċ-ċentru tal-Imsida kif qed tipproponi li tibni l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta;

Peress li l-bini ta' *flyover* fiċ-ċentru tal-Imsida jmur kontra l-interessi tal-lokalità tal-Imsida u s-saħħa u l-benesseri tar-residenti Misidjani;

Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tal-Imsida mlaqqa' llum 8 t'Ottubru 2024 jirriżolvi li:

1. Jistqarr ruħu kontra u joġġezzjona għall-proġett tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta li tibni *flyover* fiċ-ċentru tal-Imsida;

2. Jeżiġi li l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta minnufih twaqqaf għal kollox il-proċess dwar il-bini ta' *flyover* fiċ-ċentru tal-Imsida; u

3. Jistieden lill-Aġenzija għal Infrastruttura Malta sabiex fi spirtu ta' djalogu u ta' kooperazzjoni, bi sħab mal-Kunsill Lokali tal-Imsida, taħdem sabiex tinstab soluzzjoni alternattiva għall-bini ta' *flyover* fiċ-ċentru tal-Imsida bil-għan li jitnaqqas u mhux jiżdied it-traffiku fiċ-ċentru tal-Imsida filwaqt li jiġu mħarsa s-saħħa u l-benesseri tar-residenti tal-Imsida.

Grazzi u tisljiet

Alan Vella
Segretarju Ezekuttiv

cc: CEO Infrastructure Malta- Mr Steve Ellul
CEO ERA- Mr Kevin Mercieca
CEO Ambjent Malta- Mr Herman Galea
Residenti tal-Imsida
Mezzi tax-xandir u media

**Kunsill Lokali L-Imsida**
p: 21334343
a: Ċentru Ċiviku, Misraħ Menqa, L-Imsida MSD 9090
e: msida.lc@gov.mt
w: https://imsida.org